KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fl-24 ta’ Novembru 2022[1]

**Kawża C-528/21**

**M. D.**
**vs**
**Országos Idegenrendészeti Fgigazgatóság Budapesti és Pest Megyei Regionális Igazgatósága**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta’ Budapest, l-Ungerija))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja – Fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Ċittadin ta’ pajjiż terz li jirrisjedu illegalment fit-territorju ta’ Stat Membru – Direttiva 2008/115/KE – Projbizzjoni ta’ dħul u ta’ residenza – Ċittadin ta’ Stat terz ġenitur ta’ ċittadin Ewropew minuri – Theddida għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà nazzjonali – Artikolu 25 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen – Obbligu ta’ konsultazzjoni – Regolament (KE) 1987/2006 – Sinjalazzjoni bħala mhux ammissibbli fiż-żona Schengen”

1. Fil-kuntest ta’ dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, tqum, fost l-oħrajn, il-kwistjoni dwar jekk id-dritt tal-Unjoni Ewropea (inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, iktar ’il quddiem, il-“Karta”) huwiex kompatibbli mal-projbizzjoni ta’ dħul u ta’ residenza[2] fit-territorju ta’ Stat Membru, deċiża mill-awtoritajiet tiegħu fir-rigward ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz, mingħajr ma, apparentement, tkun ġiet evalwata is-sitwazzjoni personali tiegħu, b’mod partikolari dik li jkun ġenitur ta’ wild minuri, ċittadin tal-Unjoni, li jirrisjedi f’dan l-Istat.

2. Fil-kuntest ta’ din id-domanda, iqumu żewġ problemi dwar:

– L-applikabbiltà tad-Direttiva 2008/115/KE[3] meta ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikun jinsab barra mit-territorju tal-Istat Membru fil-mument li fih l-awtoritajiet tiegħu jkunu ddikjaraw il-projbizzjoni tad-dħul.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

[2] Iktar ’il quddiem, ser nirreferi sempliċement għal “projbizzjoni ta’ dħul”.

[3] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta’ Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

– Il-proporzjonalità li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006[4], tikkundizzjona l-introduzzjoni fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (iktar 'il quddiem is-"SIS II") ta' "deskrizzjonijiet" għall-finijiet tar-rifjut ta' dħul u ta' residenza.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Il-konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen*[5]

3. Skont l-Artikolu 25(2) tiegħu:

"Meta jirriżulta li nħarġet twissija bil-għan li aljen li għandu permess ta' residenza valida ma jitħalliex jidħol minn waħda mill-Partijiet Kontraenti, il-Parti Kontraenti li toħroġ it-twissija għandha tikkonsulta lill-Parti li tkun ħarġet il-permess ta' residenza sabiex tistabbilixxi jekk hemmx biżżejjed raġunijiet għall-irtirar tal-permess ta' residenza.

Jekk il-permess ta' residenza ma jkunx irtirat, il-Parti Kontraenti li toħroġ it-twissija għandha tirtira t-twissija imma tista' madankollu tpoġġi lill-aljen in kwestjoni fuq il-lista nazzjonali tagħha ta' twissijiet."

#### *2. Ir-Regolament Nru 1987/2006*

4. L-Artikolu 21 ("Proporzjonalità") jipprovdi:

"Qabel ma joħroġ allert, l-Istat Membru li jkun qed joħroġ allert għandu jiddetermina jekk il-każ hux adegwat, rilevanti u importanti biżżejjed li jistħoqqlu dħul ta' l-allert fis-SIS II.

[…]."

5. L-Artikolu 24, intitolat "Kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' allerti dwar rifjut ta' dħul jew soġġorn", jipprovdi:

"1. Id-data dwar ċittadini ta' pajjiż terz li għalihom inħareġ allert għall-finijiet ta' rifjut ta' dħul jew soġġorn għandha tiddaħħal abbażi ta' allert nazzjonali li jirriżulta minn deċiżjoni meħuda

[4] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU 2006, L 381, p. 4; rettifika fil-ĠU 2021, L 23, p. 19), kif emendat bir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 (ĠU 2018, L 312, p. 14), mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu: it-tieni subparagrafu tal-Artikoli 63 u 66(5). Din għandha tiġi mħassra mid-data tal-applikazzjoni sħiħa (Artikolu 65 u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 66(5)), li tkun għadha ma seħħitx.

[5] Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen, tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 (iktar 'il quddiem il-"KIFS"), kif emendata bir-Regolament (UE) Nru 265/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Marzu 2010, li jemenda l-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-moviment tal-persuni li jkollhom viża għal soġġorn fit-tul (ĠU 2010, L 85. p. 1). L-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Novembru 2018, dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 iħassar l-Artikolu 25 tal-KIFS, li ġie ssostitwit bl-Artikoli 27 sa 30 tal-istess regolament; ara wkoll il-premessa 29. Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 64 imsemmi iktar 'il fuq hija dik ta' applikazzjoni sħiħa tar-Regolament, skont l-Artikolu 66(2) u (5) tiegħu. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni kkonfermat li l-kundizzjonijiet għal tali applikazzjoni kienu għadhom ma ġewx issodisfatti.

mill-awtoritajiet amministrattivi jew mill-qrati skond ir-regoli ta' proċedura stabbiliti mil-liġi nazzjonali. Din id-deċiżjoni tista' tittieħed biss abbażi ta' valutazzjoni individwali. Appelli kontra dawn id-deċiżjonijiet għandhom isiru skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

2. Allert għandu jiddaħal meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun ibbażata fuq theddida għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali li tista' tiġi mill-preżenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz in kwistjoni fit-territorju ta' Stat Membru [...].

3. Allert jista' jiddaħħal ukoll meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 kienet ibbażata fuq il-fatt li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz kien soġġett għal miżura li tinvolvi tkeċċija, rifjut għal dħul jew tneħħija li ma ġietx revokata jew sospiża, li tinkludi jew hija akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul jew, fejn applikabbli, projbizzjoni ta' residenza, abbażi ta' nuqqas ta' konformità mar-regolamenti nazzjonali dwar id-dħul jew ir-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz."

*3. Id-Direttiva 2008/115*

6. Il-premessa 6 tipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tmiem ta' soġġorn illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jitwettaq permezz ta' proċedura ġusta u trasparenti. Skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi ta' l-UE, deċiżjonijiet meħuda skond din id-Direttiva għandhom jiġu adottati fuq bażi ta' każ b'każ u abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jimplika li l-konsiderazzjoni għandha tmur lil hinn mis-sempliċi fatt ta' soġġorn illegali."

7. Skont il premessa 14:

"L-effetti ta' miżuri nazzjonali dwar ir-ritorn għandhom jingħataw dimensjoni Ewropea billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li jimpedixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju ta' l-Istati Membri kollha [...]."

8. Skont l-Artikolu 3(2) ("Definizzjonijiet"), "soġġorn illegali" jikkorrispondi għall-"preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[6] jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru."

9. L-Artikolu 3(6) jiddefinixxi "projbizzjoni fuq id-dħul" bħala "deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju li jipprojbixxi dħul lejn u soġġorn fit-territorju ta' l-Istati Membri għal perijodu speċifikat, li jakkumpanja deċiżjoni ta' ritorn".

10. Skont l-Artikolu 5 ("Non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa"):

"Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont dovut ta':

a) l-aħjar interessi tat-tfal,

6 L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' dħul, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, għal residenza previsti fit-territorju tal-Istati Membri ta' mhux iktar minn 90 jum fi kwalunkwe perijodu ta' 180 jum. Dan issa huwa l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2016, L 77, p. 1, rettifika fil-ĠU 2020, L 245, p. 32).

b) il-ħajja familjari,

[…]"

11. Skont l-Artikolu 11(1) ("Projbizzjoni fuq id-dħul"):

"1. Deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul:

a) jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għat-tluq volontarju jew,

b) jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat.

F'każijiet oħrajn, deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jkunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul."

### *B. Id-dritt nazzjonali*

12. Għal din il-kawża huma rilevanti:

– L-Artikoli 33 u 42 tal-A szabad mozgás és tartózkodás jogával rendelkezġ személyek beutazásáról és tartózkodásáról szóló 2007. Évi I. törvény (il-Liġi Nru I tal-2007, dwar id-Dħul u r-Residenza ta' Persuni Li Jgawdu minn Dritt ta' Moviment Liberu u ta' Residenza; iktar 'il quddiem il-"Liġi I tal-2007") (*Magyar Közlöny* 2007/1).

– L-Artikoli 43, 44 u 45 tal-A harmadik országbeli állampolgárok beutazásáról és tartózkodásáról szóló 2007. Évi II. törvény (il-Liġi Nru II tal-2007 dwar id-Dħul u r-Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi, iktar 'il quddiem il-"Liġi II tal-2007") (*Magyar Közlöny* 2007/2).

13. L-Artikolu 17 tal-Liġi tal-2018. Évi CXXXIII. törvény az egyes migranciós tárgyú és kapcsolódó törvények módosításáról (il-Liġi Nru CXXXIII tal-2018, li Emendat Ċerti Liġijiet fil-Qasam tal-Migrazzjoni u Dispożizzjonijiet Oħra Relatati, tal-21 ta' Diċembru 2018) (*Magyar Közlöny* 2018/133), fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2019, ikkompletat il-Liġi I tal-2007 bl-Artikolu 94, li jipprovdi:

"[…]

4) Il-permess ta' residenza jew il-permess ta' residenza permanenti taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li għandu permess ta' residenza jew permess ta' residenza permanenti validu bħala membru tal-familja ta' ċittadin Ungeriż ser jiġi rtirat mingħandu:

[…]

b) jekk ir-residenza taċ-ċittadin ta' Stat terz tikkomprometti l-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali tal-Ungerija.

[…]."

## II. Il-fatti[7], il-kawżi u d-domandi preliminari

14. M. D. huwa ċittadin Serbokosovar li wasal fl-Ungerija fl-2002. Huwa għex hemmhekk minn dak iż-żmien mas-sieħba tiegħu u mat-tifel minuri tiegħu, it-tnejn li huma ta' nazzjonalità Ungeriża, kif ukoll ma' ommu. Kollha jiddependu minnu ekonomikament.

15. M. D. jitkellem Ungeriż tajjeb. Fl-Ungerija, huwa proprjetarju ta' impriża, ta' proprjetà immobbli u ta' diversi vetturi. Huwa għandu wkoll stabbiliment fis-Slovakkja, li hija r-raġuni għalfejn huwa bbenefika minn permess ta' residenza kummerċjali f'dan il-pajjiż[8].

16. Mill-31 ta' Mejju 2003, huwa kien jibbenefika minn permess ta' residenza fl-Ungerija, estiż diversi drabi. Sussegwentement, peress li kellu wild ta' nazzjonalità Ungeriża minuri, huwa ngħata permess ta' residenza temporanja, validu sal-20 ta' Mejju 2021.

17. Fit-12 ta' Ġunju 2018, huwa talab fl-Ungerija permess ta' residenza permanenti.

18. Din it-talba ġiet miċħuda fl-ewwel istanza amministrattiva mill-Országos Idegenrendészeti Fġigazgatóság Budapesti és Pest Megyei Regionális Igazgatósága (id-Direttorat Reġjonali f'Budapest u fir-reġjun ta' Pest tad-Direttorat Ġenerali Nazzjonali tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni, l-Ungerija)[9].

19. Din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq rapport tal-Alkotmányvédelmi Hivatal (l-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kostituzzjoni, l-Ungerija), li kien jgħid li M. D. kien jippreżenta theddida reali, diretta u serja għas-sigurtà nazzjonali, u konsegwentement kellu jitlaq mill-pajjiż[10].

20. Fis-27 ta' Awwissu 2018, il-Pulizija tal-Immigrazzjoni kkonstatat li d-dritt ta' residenza ta' M. D. kien skada, fatt li ġie kkonfermat mill-istess awtorità, fit-tieni istanza amministrattiva, fis-26 ta' Novembru 2018.

21. Fit-28 ta' Mejju 2019, il-Fġvárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) annullat id-deċiżjoni tas-26 ta' Novembru 2018[11] u ordnat lill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni jibdew proċedura ġdida li tibbilanċja ċ-ċirkustanzi kollha, fid-dawl b'mod partikolari tal-fatt li M. D. u s-sieħba tiegħu kienu jgħixu fl-Ungerija f'dar mal-wild minuri tagħhom, ta' nazzjonalità Ungeriża.

22. Fid-29 ta' Awwissu 2019, fi tmiem il-proċedura l-ġdida, il-Pulizija tal-Immigrazzjoni rrifjutat li toħroġ lil M. D. il-permess ta' residenza. Hija enfasizzat li, fid-dawl tal-bidliet leġiżlattivi li seħħew mill-1 ta' Jannar 2019, il-proċedura kienet żvolġiet abbażi tal-Artikolu 94(4)(b) tal-Liġi I

[7] Il-fatti deskritti jikkorrispondu għad-deskrizzjoni magħmula mill-qorti tar-rinviju. Hija ma tirriproduċix elementi oħra li l-Gvern Ungeriż għamel riferiment għalihom waqt is-seduta, iżda ma jidhrux fid-deċiżjoni tar-rinviju.

[8] Dan il-permess kien ikopri sentejn mis-26 ta' Frar 2019. Skont il-qorti tar-rinviju, huwa ma "setax" jiġi estiż wara li ddaħħlet sinjalazzjoni li tikkonċerna lil M. D. fis-SIS II, ibbażata fuq il-projbizzjoni ta' dħul inkwistjoni.

[9] Iktar 'il quddiem il-"Pulizija tal-Immigrazzjoni".

[10] Huwa kellu kundanna preċedenti (u sospiża) ta' sena priġunerija għal reat ta' għajnuna għall-immigrazzjoni illegali, permezz tal-offerta ta' għajnuna għall-qsim tal-fruntiera taħt forma mhux awtorizzata.

[11] L-effetti tal-annullament kienu jestendu wkoll għad-deċiżjoni tas-27 ta' Awwissu 2018. Il-Qorti enfasizzat li l-Pulizija tal-Immigrazzjoni ma kinitx uriet li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 33 tal-Liġi I tal-2007 kienu ssodisfatti, jiġifieri theddida reali, diretta, serja u attwali, billi bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq l-opinjoni tal-Uffiċċju għall-protezzjoni tal-Kostituzzjoni, li ma kienx intervjena bħala awtorità speċjalizzata.

tal-2007 [12]. Barra minn hekk, hija enfasizzat li ma setgħetx titbiegħed mill-opinjonijiet tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kostituzzjoni, fil-kwalità tagħha ta' awtorità speċjalizzata, u li ma kellhiex marġni ta' diskrezzjoni.

23. M. D. ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni quddiem il-Fġvárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija). Din il-qorti ċaħdet dan ir-rikors, billi qieset li l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni huma obbligati jitolbu l-opinjoni tal-awtorità speċjalizzata li torbothom.

24. Il-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) ikkonfermat is-sentenza tal-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija). Fid-dawl tad-dokumenti kklassifikati li servew bħala bażi għall-opinjoni tal-awtorità speċjalizzata, hija aċċettat li r-residenza ta' M. D. fl-Ungerija kienet tikkostitwixxi theddida reali u diretta għas-sigurtà nazzjonali. Minħabba f'hekk, l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni personali tagħhom ma setgħetx twassal għal risposta differenti.

25. M. D. telaq mit-territorju Ungeriż fl-24 ta' Settembru 2020 [13].

26. Fl-14 ta' Ottubru 2020, il-Pulizija tal-Immigrazzjoni imponietlu projbizzjoni ta' dħul fl-Ungerija għal perijodu ta' tliet snin u ordnat id-dħul fis-SIS II deskrizzjoni relatata ma' din il-projbizzjoni.

27. Il-projbizzjoni kienet immotivata mill-fatt li:

– ir-residenza ta' M. D. fl-Ungerija kienet tikkostitwixxi theddida għas-sigurtà nazzjonali ta' dan il-pajjiż [14].

– L-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kostituzzjoni, fuq proposta tat-30 ta' Settembru 2020, kien irrakkomanda t-tkeċċija ta' M. D. u l-adozzjoni ta' projbizzjoni ta' dħul u ta' residenza għal għaxar snin.

28. M. D. ippreżenta rikors kontra l-projbizzjoni ta' dħul quddiem il-Fġvárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija). Huwa sostna li l-Pulizija tal-Immigrazzjoni naqset mill-obbligi tagħha li tapprofondixxi, tevalwa u timmotiva l-fatti u r-regoli ċċitati fid-deċiżjoni tagħha u li din tibbaża ruħha biss fuq il-proposta ta' amministrazzjoni oħra. Huwa invoka favur tiegħu, minbarra l-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/115.

29. Il-Pulizija tal-Immigrazzjoni talbet li r-rikors jiġi miċħud. Hija sostniet li d-deċiżjoni tagħha kienet ibbażata fuq l-Artikolu 43 tal-Liġi II tal-2007, dispożizzjoni imperattiva li timponi projbizzjoni awtonoma ta' dħul fir-rigward taċ-ċittadin ta' pajjiż terz residenti barra mill-pajjiż li d-dħul u r-residenza tiegħu jippreġudikaw is-sigurtà nazzjonali u jipprevedi wkoll in-natura obbligatorja tal-proposti tal-korpi responsabbli għas-sigurtà nazzjonali. Barra minn hekk, peress li l-permess ta' residenza ta' M. D. (mogħti minħabba r-relazzjoni familjari tiegħu) kien diġà ġie rrevokat, hija lanqas ma kienet legalment marbuta li tibbilanċja ċ-ċirkustanzi tal-familja tiegħu.

12 Ara t-traskrizzjoni parzjali tagħha fil-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet.

13 Sussegwentement, ipprova jidħol lura fl-Ungerija. Wara test tal-COVID imwettaq fil-fruntiera, instab li ma setax jidħol fil-pajjiż, minħabba l-projbizzjoni ta' dħul. Skont il-Gvern Ungeriż, ma huwiex magħruf fejn jinsab bħalissa.

14 Hija żiedet li l-ordni tat-tkeċċija tagħha (*sic*) kienet ikkunsidrata bħala limitazzjoni proporzjonata, minkejja l-eżistenza, f'dak iż-żmien, ta' permess Slovakk ta' residenza validu.

30. Huwa f'dan il-kuntest li l-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja erba' domandi preliminari, li minnhom jiena nikkwota l-ewwel żewġ domandi preliminari:

"1) L-Artikoli 5 u 11 tad-Direttiva 2008/115/KE u l-Artikolu 20 TFUE, moqrija flimkien mal-Artikoli 7, 20, 24 u 47 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu prattika ta' Stat Membru fejn, anki fil-proċeduri mibdija mill-ġdid, fuq ordni, fi proċeduri mressqa preċedentement, tiġi ordnata l-applikazzjoni ta' emenda tal-leġiżlazzjoni bil-konsegwenza li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni jitqiegħed taħt sistema proċedurali li hija ħafna iktar sfavorevoli, sa tali punt li jitlef l-istatus tiegħu, miksub abbażi tat-tul tas-soġġorn tiegħu sa dak il-punt, ta' persuna li ma tistax tiġi mkeċċija anki għal raġunijiet relatati mal-ordni pubbliku, mas-sigurtà pubblika u mas-sigurtà nazzjonali, u sussegwentement, abbażi tal-istess fatti u tal-istess raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, jara l-applikazzjoni tiegħu għal soġġorn permanenti tiġi rrifjutata u l-karta ta' soġġorn li kienet inħarġitlu tiġi rtirata u, iktar minn hekk, ikun is-suġġett ta' projbizzjoni ta' dħul u ta' soġġorn, mingħajr teħid inkunsiderazzjoni, fil-kuntest ta' xi proċedura, tas-sitwazzjoni personali u familjari tiegħu, u b'mod partikolari, f'dan il-kuntest, tal-fatt li huwa responsabbli għal ċittadin Ungeriż minuri, fejn il-konsegwenza ta' din id-deċiżjoni tkun jew il-ksur tal-Unità tal-familja, jew inkella li ċ-ċittadini tal-Unjoni membri tal-familja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, fosthom wild minuri, jkunu obbligati jitilqu mit-territorju tal-Istat Membru?

2) L-Artikoli 5 u 11 tad-Direttiva 2008/115 u l-Artikolu 20 TFUE, moqrija flimkien mal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu prattika ta' Stat Membru fejn is-sitwazzjoni personali u familjari taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma tiġix eżaminata qabel ma tiġi deċiża l-projbizzjoni ta' dħul u ta' soġġorn, għar-raġuni li s-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni jikkostitwixxi theddida reali, diretta u gravi għas-sigurtà nazzjonali tal-pajjiż?"

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

31. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Awwissu 2021. Intlaqgħet it-talba li tingħata trattament prijoritarju.

32. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern Ċek u mill-Gvern Ungeriż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

33. Fil-25 ta' Marzu 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet ċerti kjarifiki lill-qorti tar-rinviju, li bagħtet it-talba lill-partijiet fil-kawża prinċipali. Kemm M. D. kif ukoll il-Pulizija tal-Immigrazzjoni wieġbu għall-mistoqsijiet mibgħuta.

34. Inżammet seduta fil-21 ta' Settembru 2022, li fiha pparteċipaw il-Gvern Ungeriż kif ukoll il-Kummissjoni.

## IV. Analiżi

35. Fuq indikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser jirrigwardaw l-ewwel żewġ domandi preliminari.

36. Ser nittratta dawn id-domandi flimkien, inkwantu hemm ħafna li huwa komuni bejniethom. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 20 TFUE kif ukoll l-Artikoli 5 u 11 tad-Direttiva 2008/115, moqrija flimkien mal-Artikoli 7, 20, 24 u 47 tal-Karta, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li Stat Membru jirtira d-dritt ta' residenza liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li ma jkunx għamel użu mil-libertà ta' moviment tiegħu, u milli jimponilu projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, minħabba li l-kondotta tiegħu tippreżenta theddida reali, diretta u serja għas-sigurtà nazzjonali mingħajr ma tiġi eżaminata s-sitwazzjoni personali u familjari tiegħu, minkejja li għandu wild minuri li huwa ċittadin ta' dak l-Istat Membru.

37. Il-qorti tar-rinviju tindika li emenda leġiżlattiva sfavorevoli ġiet applikata għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, wara proċedura mibdija taħt il-leġiżlazzjoni preċedenti. Nikkunsidra li din iċ-ċirkustanza *ratione temporis* ma għandhiex effett fuq ir-risposta, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, skont il-fatti deskritti iktar 'il fuq, l-emenda leġiżlattiva ġiet applikata sabiex jiġi rrifjutat il-permess ta' residenza, deċiżjoni finali abbażi tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji msemmija.

## *A. Ammissibbiltà*

38. Huwa preċiżament dan l-aħħar element li jwassal lill-Gvern Ungeriż sabiex jiċħad ir-rabta bejn id-domandi u s-suġġett tal-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju. Huwa jsostni li huma jirreferu għal regoli applikati matul proċedura preċedenti definittivament magħluqa, distinta minn dik attwalment pendenti. Għaldaqstant, ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa ipotetiku [15].

39. Huwa jżid li r-rikors oriġinali huwa dirett kontra deċiżjoni *awtonoma* ta' dħul u ta' residenza fl-Ungerija, li fir-rigward tagħha d-Direttiva 2008/115 u l-Karta ma japplikawx, b'tali mod li l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma hijiex neċessarja sabiex jiġi deċiż.

40. L-oġġezzjoni tal-Gvern Ungeriż għandha ċerta bażi sa fejn, kif enfasizzajt, kienu definittivi d-deċiżjonijiet nazzjonali li fihom ġie deċiż, mingħajr ma l-qrati kkonċernati qajmu ebda domanda preliminari billi kkonfermawhom, li M. D. ma kellux id-dritt li jikseb jew li jżomm permess ta' residenza fl-Ungerija, li kien ibbenefika minnu qabel [16].

41. Madankollu, dan ma jfissirx li d-domanda preliminari hija irrilevanti għat-tilwima: limitati għall-validità tal-projbizzjoni ta' dħul fl-Ungerija [17], id-dubji huma leġittimi anki jekk, kif ser nipproponi, id-Direttiva 2008/115 u (sa fejn tiddependi minnha) il-Karta ma kinux applikabbli għaliha.

15 Il-punt 10 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

16 Għalhekk mhux ser neżamina t-telf tad-dritt ta' residenza ta' M. D., mingħajr ħsara għall-fatt li wħud mill-kunsiderazzjonijiet sussegwenti tiegħi jkunu jistgħu jkunu utli għall-Qorti tal-Ġustizzja, jekk hija tiddeċiedi li tirrevedi dan it-telf.

17 Id-deċiżjoni kkontestata tikkonsisti fil-projbizzjoni ta' dħul u ta' *inklużjoni tal-sinjalizzazzjoni fis-SIS II*, iżda ma jidhirx li din tal-aħħar ġiet diskussa, li l-qorti tar-rinviju ma tqajjimx direttament dubju dwarha (hija tikkonċerna indirettament is-SIS II fir-raba' domanda). Fi kwalunkwe każ, ser nanalizza l-problemi relatati mas-SIS II fl-aħħar ta' dawn il-konklużjonijiet.

### *B. Applikabbiltà tad-Direttiva 2008/115*

42. Mid-domandi preliminari jirriżulta li, għall-qorti tar-rinviju, l-applikabbiltà tad-Direttiva 2008/115 ma hijiex dubjuża. Għall-kuntrarju, għal raġunijiet parzjalment konkordanti, il-Kummissjoni u l-Gvern Ungeriż jikkontestaw li dan l-istrument jirregola sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni:

– Skont il-Kummissjoni, id-Direttiva 2008/115 tapplika għaċ-ċittadini ta' Stati terzi li r-residenza tagħhom fi Stat Membru hija irregolari. Dan ma huwiex il-każ ta' dak li, fil-mument tal-adozzjoni tal-projbizzjoni ta' dħul, ma jkunx jinsab f'dan l-Istat Membru [18].

– Il-Gvern Ungeriż jargumenta fl-istess sens [19]. Iżid li l-motivi tal-projbizzjoni imposta ma humiex marbuta mal-migrazzjoni u jaderixxi mal-Manwal dwar ir-Ritorn [20] li l-ħdax-il punt tiegħu jinvoka l-appoġġ tat-teżi tiegħu [21]. Il-projbizzjoni ta' dħul hija awtonoma [22] u taqa', bħala tali, taħt id-dritt nazzjonali.

43. Fil-fehma tiegħi, fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li l-preżenza tiegħu fi Stat Membru hija regolari u ssir irregolari minħabba l-irtirar tal-permess ta' residenza li kien ingħatalu, japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115.

44. Madankollu, ma hemm ebda indikazzjoni espliċita fid-Direttiva 2008/115 fir-rigward tal-effett li t-tluq mit-territorju mill-barrani li jirrisjedi illegalment għandu fuq l-applikazzjoni tar-regola.

45. Jiena tal-fehma li d-Direttiva 2008/115 ma tkoprix din l-eventwalità, peress li tapplika biss għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li *jirrisjedu* illegalment fit-territorju ta' Stat Membru [23], kif iddefiniti mid-direttiva stess.

46. Il-kundizzjoni tal-preżenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju ta' Stat Membru tirriżulta impliċitament mill-Artikolu 2(1) tad-Direttiva, li l-qasam tagħha jkopri "ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju ta' Stat Membru."

[18] Il-punt 20 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha.

[19] Il-punt 43 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

[20] Anness mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338, tas-16 ta' Novembru 2017, li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mar-ritorn (ĠU 2017, L 339, p. 83).

[21] Il-Punt 41 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu. Madankollu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tiffavorixxi d-dispożizzjoni korrispondenti tad-Direttiva li "ma jistax jiġi emendat b'rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, liema rakkomandazzjoni ma għandhiex effett vinkolanti": is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Westerwaldkreis (C-546/19, EU:C:2021:432; iktar 'il quddiem, is-"sentenza Westerwaldkreis", punt 47).

[22] Fid-dawl tal-punti 42 u 43 tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Ungeriż, il-klassifikazzjoni "awtonoma" tirriżulta mill-ineżistenza ta' deċiżjoni ta' tkeċċija.

[23] L-Artikolu 2(1). Ma jidhirx li l-Ungerija ddeċidiet li ma tapplikax id-Direttiva għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-każijiet imsemmija fil-punt 2 ta' dan l-artikolu.

47. Ir-"residenza illegali"[24] taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'dan it-territorju huwa għalhekk indispensabbli sabiex id-Direttiva 2008/115 tkun applikabbli. Għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala "illegali", ir-raġuni tal-preżenza jew it-tul tagħha huma irrilevanti.[25]

48. Id-Direttiva 2008/115 timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jaġixxu fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu, ripetutament, jirrisjedu illegalment *fit-territorji rispettivi tagħhom*[26]. Ladarba tinstab preżenza mhux awtorizzata fit-territorju tagħhom, għandhom itemmuha kemm jista' jkun malajr[27]. Bħala regola, skont l-Artikolu 6(1), deċiżjoni ta' ritorn[28] għandha tiġi deċiża "bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5"[29].

49. Jista' jkun hemm nuqqas ta' ftehim minħabba li, fir-realtà, hemm żewġ tipi ta' projbizzjonijiet ta' dħul fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi: a) dawk li jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet ta' ritorn meħuda skont id-Direttiva 2008/115; u b) dawk miftiehma, għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali jew raġunijiet oħra simili, lil hinn minn din id-direttiva.

50. Id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kategoriji tissuġġerixxi li huwa aħjar li jiġu esposti l-parametri tal-projbizzjonijiet ta' dħul suġġetti għad-Direttiva 2008/115 u ta' dawk li ma jikkonformawx magħhom.

## *1. Projbizzjonijiet ta' dħul suġġetti għad-Direttiva 2008/115*

51. Id-Direttiva 2008/115 tintegra l-istrumenti kollha intiżi sabiex jimplimentaw il-politika tal-Unjoni intiża sabiex tiġġieled kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

52. Hija intiża sabiex tistabbilixxi regoli komuni dwar ir-ritorn, it-tkeċċija, l-użu ta' miżuri ta' infurzar, id-detenzjoni u l-projbizzjoni ta' dħul, sabiex jiġi ggarantit li t-tmiem tar-residenza illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jitwettaq skont proċeduri ġusti u trasparenti[30].

53. Id-Direttiva 2008/115 tipprevedi diversi proċedimenti relatati mill-qrib: dak prinċipali li jirrigwarda d-deċiżjoni ta' ritorn, kif ukoll oħrajn għal atti marbuta miegħu u li jistgħu jew għandhom isegwu din id-deċiżjoni.

[24] L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/115 jiddefinixxi bħala residenza irregolari "il-*preżenza fit-territorju ta' Stat Membru* ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru." Mingħajr korsiv fl-oriġinal.

[25] Sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum (C-47/15, EU:C:2016:408, punt 48); u tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 243). Fid-dispożittiv tas-sentenza Westerwaldkreis, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-Direttiva 2008/115 "tapplika għal projbizzjoni ta' dħul u ta' residenza, deċiża minn Stat Membru, li ma jkunx għamel użu mill-possibbiltà prevista fl-Artikolu 2(2)(b) tal-imsemmija direttiva, kontra ċittadin ta' pajjiż terz li jkun jinsab fit-territorju tiegħu u li jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' tkeċċija, għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ta' ordni pubbliku, abbażi ta' kundanna kriminali preċedenti".

[26] Is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju) (C-82/16, EU:C:2018:308; iktar 'il quddiem is-"sentenza K.A. *et*", punt 101).

[27] Sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian (C-329/11, EU:C:2011:807, punti 31 u 45); u tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum (C-47/15, EU:C:2016:408, punt 87).

[28] Skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2008/115, ir-ritorn jikkonsisti fil-"proċess tat-tluq lura ta' ċittadin ta' pajjiż terz - kemm jekk b'konformità volontarja ma' obbligu ta' ritorn kif ukoll jekk infurzat - għal: [...] il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew — pajjiż ta' transitu [...], pajjiż terz ieħor, li [...] volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu jew hi ser jiġi aċċettat/a."

[29] L-impossibbiltà *legali* li tiġi eżegwita l-ordni ta' ritorn, bit-tkeċċija taċ-ċittadin tal-pajjiż terz li jirrisjedi illegalment fit-territorju, ma teżonerax mill-obbligu li tittieħed din l-ordni, filwaqt li tippermetti li tiġi posposta l-eżekuzzjoni tagħha: is-sentenza Westerwaldkreis, punt 54.

[30] L-Artikolu 1 u l-premessa 36 tad-Direttiva 2008/115.

54. L-għan ta' dawn l-azzjonijiet huwa li jiġi ppreparat u żgurat ir-ritorn billi: a) jiġi stabbilit it-terminu ta' eżekuzzjoni volontarja tal-obbligu ta' ritorn; b) jiġu ggarantiti l-kundizzjonijiet għal eżekuzzjoni forzata; c) jiġi sostnut l-effett tal-ordni ta' ritorn fit-territorju ta' Schengen, permezz ta' projbizzjonijiet ta' dħul li jinsabu fis-SIS II [31].

55. F'tali sistema, il-projbizzjoni ta' dħul tikkostitwixxi għalhekk miżura intiża sabiex tiżdied l-effikaċja tal-politika tal-Unjoni *fil-qasam tar-ritorn*: għal ċertu perijodu wara t-tkeċċija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi illegalment, tali ċittadin ma jkunx jista' jidħol mill-ġdid fit-territorju tal-Istati Membri [32]. Il-projbizzjoni tagħti dimensjoni Ewropea għad-deċiżjoni ta' ritorn [33].

56. Fid-Direttiva 2008/115, projbizzjoni ta' dħul:

– Tiddependi minn deċiżjoni ta' ritorn, fis-sens li, jekk tali ritorn ma jkunx possibbli, ma jkunx possibbli li tali deċiżjoni tiġi adottata [34]. L-Artikolu 3(6) u l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva jimponu dan.

– Hija neċessarjament takkumpanja d-deċiżjoni ta' ritorn, meta ma jkunx ingħata terminu għal tluq volontarju jew meta l-obbligu ta' tluq mit-territorju ma jkunx ġie osservat [35].

– Hija tista' tipproduċi l-effetti legali tagħha stess biss wara l-eżekuzzjoni, volontarja jew forzata, tad-deċiżjoni ta' ritorn [36].

– Hija ma tistax tinżamm fis-seħħ wara r-revoka tad-deċiżjoni ta' ritorn [37].

## 2. *Projbizzjonijiet ta' dħul li ma humiex suġġetti għad-Direttiva 2008/115*

57. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza li jipprojbixxu d-dħul fit-territorju tagħhom lil ċittadini ta' pajjiżi terzi f'każijiet differenti minn dawk li fihom deċiżjoni ta' ritorn tingħata skont id-Direttiva 2008/115, minħabba r-residenza illegali tagħhom.

31 Sussegwentement nispjega li, taħt ir-Regolament Nru 1987/2006, l-introduzzjoni fis-SIS II ta' sinjalazzjonijiet dwar iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi bbażati fuq projbizzjonijiet ta' dħul marbuta man-nuqqas ta' osservanza tar-regoli nazzjonali dwar id-dħul jew ir-residenza ma hijiex obbligatorja: ara l-punt 112.

32 Is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2020, JZ (Piena ta' priġunerija fil-każ ta' projbizzjoni ta' dħul) (C-806/18, EU:C:2020:724, punt 32).

33 Il-premessa 14 tad-Direttiva 2008/115. Madankollu, mhux id-deċiżjonijiet kollha ta' ritorn iridu neċessarjament ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni tad-dħul: ara l-Artikolu 11(1); u iktar 'il quddiem il-punt 112 ta' dawn il-konklużjonijiet, dwar in-natura fakultattiva tal-introduzzjoni fis-SIS II ta' ċerti deskrizzjonijiet.

34 Id-deċiżjoni ta' ritorn hija konsegwenza tal-irregolarità tar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru. Il-projbizzjoni tirrifjuta dħul possibbli, wara r-ritorn, fit-territorju tal-Unjoni, li awtomatikament tagħmilha illegali: ara s-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Ohrami (C-225/16, EU:C:2017:590; iktar 'il quddiem, is-"sentenza Ouhrami"), il-punti 49 *et seq.* Madankollu, minn perspettiva formali, l-Istati Membri huma liberi li joħorġu projbizzjonijiet ta' dħul simultanjament jew suċċessivament mal-ordni tar-ritorn: Artikolu 6(6) tad-Direttiva 2008/115. Għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva attwali tinkludi, bħala novità fir-rigward tar-reġim fis-seħħ, l-adozzjoni ta' projbizzjonijiet ta' dħul mingħajr deċiżjoni minn qabel ta' ritorn f'każijiet li fihom residenza illegali jiġi skopert għall-ewwel darba mat-tluq, matul li-kontrolli fuq il-fruntieri: l-Artikolu 13(2), tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni) (COM(2018) 634 final).

35 L-Artikolu 11(1). F'ċirkustanzi oħra, il-projbizzjoni ta' dħul hija possibbli, iżda mhux obbligatorja.

36 Sentenzi Ouhrami (ipunt 49); u Westerwaldkreis, punt 52.

37 Sentenza Westerwaldkreis, punt 54.

58. Kif diġà argumentajt, dawn il-każijiet (li huma kkaratterizzati mir-risposta għal aġir li jikkostitwixxi theddid għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika, għas-sigurtà nazzjonali jew li jaffettwaw ir-relazzjonijiet internazzjonali li l-protagonisti tagħhom ma humiex fit-territorju tagħhom) ma humiex koperti mid-Direttiva 2008/115.

59. Dawn il-projbizzjonijiet ta' dħul huma indipendenti minn kull deċiżjoni ta' ritorn irregolata mid-Direttiva 2008/115. Huma jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali (eventwalment ma' dawk li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali jew minn ċerti deċiżjonijiet tal-Unjoni) [38] u mhux, nirrepeti, mad-Direttiva 2008/115 [39].

60. Sa fejn hija bbażata fuq it-theddida li ġġib magħha l-preżenza ta' ċittadin ta' Stat terz fit-territorju ta' Stat Membru, projbizzjoni ta' dan it-tip hija ukoll il-bażi ta' deċiżjoni ta' inklużjoni fil-listi ta' persuni mhux eliġibbli tas-SIS II. Id-dħul tas-sinjalazzjoni fis-SIS II huwa, f'każ bħal dan, obbligatorju [40].

### *3. Portata ġeografika limitata tal-projbizzjoni ta' dħul*

61. Tkun xi tkun il-kawża ta' projbizzjoni ta' dħul u ta' residenza adottata minn Stat Membru, il-portata ġeografika tagħha hija limitata jekk il-persuna kkonċernata jkollha l-permess li jippermettilha li tkun legalment fi Stat Membru ieħor.

62. Peress li l-formalizzazzjoni u, fil-prattika, il-firxa tal-effett "pan-Ewropew" tal-projbizzjoni ta' dħul huma marbutin mad-dħul fis-SIS II ta' sinjalazzjoni ibbażat fuqha, meta l-projbizzjoni ma jistax ikollha tali effett, għandha tiġi eliminata s-sinjalazzjoni korrelattiva tas-SIS II.

63. Għalhekk, fl-ipoteżi fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikollu permess ta' residenza fi Stat parti għas-SIS II, l-Artikolu 25(2) tal-KIFS jipprevedi sistema ta' konsultazzjonijiet bejn l-Istat li joħroġ il-permess u dak li jintroduċi s-sinjalazzjoni fis-SIS II [41], sabiex jiġi ddeterminat jekk jeżistux raġunijiet suffiċjenti għall-irtirar ta' dan il-permess. Jekk il-permess jinżamm, l-Istat li jkun daħħal is-sinjalazzjoni għandu jipproċedi għall-irtirar tagħha.

64. F'dan l-aħħar każ, huwa jista', skont l-istess test, jinkludi lill-barrani fil-lista nazzjonali tiegħu ta' persuni mhux ammissibbli [42].

38 Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/331, tal-25 ta' Frar 2022, li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 52, p. 1). L-Anness tagħha jelenka l-persuni li għalihom l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex *jimpedixxu d-dħul* fit-territorji tagħhom.

39 Ma jfissirx li l-Istat Membru huwa ħieles minn kull kunsens, kemm fir-rigward tal-proċedura, kif ukoll fil-mertu, li joriġinaw mid-dritt tal-Unjoni: ara iktar 'il quddiem, punti 96 *et seq*.

40 L-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 1987/2006, kuntrarjament għall-paragrafu 3 tal-istess dispożizzjoni. In-natura obbligatorja hija ċara f'verżjonijiet bħal dik Ġermaniża, Franċiża, Ingliża, Taljana jew Portugiża. Il-verżjoni Spanjola, li kienet oriġinarjament tuża l-verb *podrá* (tista'), sussegwentement ġiet ikkoreġuta (rettifika tal-iżbalji tar-Regolament Nru 1987/2006 fil-ĠU 2021, L 224, p. 42).

41 Konformement mas-sentenza tas-16 ta' Jannar 2018, E (C-240/17, EU:C:2018:8, punt 37) u d-dispożittiv, minkejja li xejn ma jipprekludi li l-konsultazzjonijiet jitwettqu qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li fuqha hija bbażata s-sinjalazzjoni, l-obbligu jeżisti biss wara r-reġistrazzjoni. Ir-Regolament 2018/1861 jikkoreġi din ir-regola.

42 Ara s-sentenza tas-16 ta' Jannar 2018, E (C-240/17, EU:C:2018:8). Bħala prinċipju, ir-reġistrazzjoni bħala persuna mhux ammissibbli fid-database nazzjonali ta' Stat Membru, minħabba li din tippreżenta theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà interna, għas-saħħa pubblika jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri, tostakola d-dħul tagħha fiż-żona Schengen, skont l-Artikolu 6(1)(e) tar-Regolament 2016/399.

*4. Tluq mit-territorju qabel id-deċiżjoni ta' ritorn u projbizzjoni ta' dħul għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali*

65. Jekk individwu li jkun jirrisjedi illegalment fi Stat Membru jitlaq qabel ma l-awtoritajiet tiegħu jadottaw deċiżjoni dwar il-kwistjoni, l-ordni ta' ritorn ikkontemplata mid-Direttiva 2008/115 issir superfluwa: l-assenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju ta' dak l-Istat teskludi l-bżonn li tiġi adottata [43].

66. Dan jirriżulta, fil-fehma tiegħi, mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115 li: a) jiddefinixxu r-residenza illegali bħala l-"preżenza" fit-territorju li ma jissodisfax (jew li ma jissodisfax iktar) il-kundizzjonijiet ta' dħul, ta' residenza jew ta' soġġorn; u b) jiddixxiplinaw il-proċeduri applikabbli għall-individwu li jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru, billi jużaw il-verb fil-preżent.

67. Barra minn hekk, din l-affermazzjoni hija koerenti ma' sistema li timponi fuq l-Istati Membri kollha obbligu li jtemmu, malajr kemm jista' jkun, is-soġġorni illegali*li huma jidentifikaw fit-territorju tagħhom.*

68. Is-soluzzjoni jidhirli li hija l-istess, kemm jekk il-ħruġ tal-persuna kkonċernata jseħħ qabel ma tinbeda proċedura sabiex tittieħed deċiżjoni dwar ir-residenza illegali jew matulu, meta din tkun għadha ma wasslitx għal deċiżjoni. Fl-aħħar ipoteżi, il-proċedura ssir mingħajr skop: ma hemmx (fl-Istat Membru li kien ipproċessaha) ir-residenza illegali li għandha tintemm billi jiġi ordnat ir-ritorn, jew inkella jekk il-kundizzjonijiet għal dan ikunu ssodisfatti.

69. Il-konsegwenzi proċedurali ta' din is-soluzzjoni fuq l-ordni nazzjonali (nuqqas ta' teħid ta' azzjoni, nuqqas ta' lok li tingħata deċiżjoni jew oħrajn) huma, bħala prinċipju, dawk li jiddeterminaw id-dritt tagħha stess [44].

70. Il-każ deskritt ma għandux jiġi konfuż ma' dak taċ-ċittadin tal-pajjiż terz li ma jkunx magħruf fejn jinsab, iżda jkun hemm indizji li għadu fit-territorju. Inqis li, f'dan il-każ, għandha tingħata deċiżjoni ta' ritorn fi proċedura fil-kontumaċja [45].

71. Fl-assenza tad-deċiżjoni ta' ritorn għar-raġuni esposta, jista' jiġi konkluż, fil-fatt, li ma huwiex possibbli li tiġi deċiża projbizzjoni ta' dħul fost dawk previsti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/115 [46].

72. F'dan il-kuntest, kif diġà esponejt, Stat Membru li, għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, iqis li huwa neċessarju li jipprekludi d-dħul ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jkunx għadu jinsab fit-territorju tiegħu jista' jagħmel dan skont id-dritt nazzjonali tiegħu.

[43] Ladarba tingħata deċiżjoni ta' ritorn, jekk il-proċedura tkun għadha ma ntemmitx, iċ-ċittadin tal-pajjiż terz li jitlaq mit-territorju jwettaq "tluq volontarju", fis-sens tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115, filwaqt li d-deċiżjoni tagħtih terminu ta' tluq. Fl-assenza ta' tali terminu, għandu jiġi kkunsidrat li l-barrani jissodisfa sempliċement l-obbligu impost fuqu mid-deċiżjoni ta' ritorn. Ordni ta' tkeċċija ma tibqax iktar neċessarja, filwaqt li projbizzjoni ta' dħul u ta' residenza fl-Istat Membru tkun għadha possibbli (Artikolu 11(1), *in fine*) jew anki obbligatorja [(Artikolu 11(1)(a)] u l-adozzjoni tagħha għandha ssir skont id-Direttiva.

[44] Madankollu sospensjoni tista' tiġi indikata jekk jeżistu raġunijiet sabiex jiġi preżunt li l-persuna kkonċernata ma rritornatx, fis-sens tad-Direttiva 2008/115. B'analoġija, ara s-sentenza tal-15 ta' Frar 2016, N. (C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punti 75 u 76).

[45] Din hija s-soluzzjoni proposta fil-Manwal dwar ir-Ritorn, l-intestatura 11.3, p. 58.

[46] Matul is-seduta, b'risposta għad-domandi tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni insistiet ripetutament fuq dan il-punt.

73. Jidhirli li dan l-approċċ jipprevali meta mqabbel mal-opinjoni li d-Direttiva 2008/115 tkompli tapplika għal ċittadin ta' pajjiż terz li, wara t-telf tal-permess li jawtorizza l-preżenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru, itemm ir-residenza illegali (jiġifieri jirritorna) qabel kull deċiżjoni f'dan ir-rigward.

74. Għal dawk li jiddefendu din l-opinjoni, tali projbizzjoni ta' dħul hija rregolata mid-Direttiva 2008/115, filwaqt li tirrappreżenta ċerta *kontinwità* mal-proċeduri rregolati minn din id-direttiva.

75. L-opinjoni hija intriganti: it-tqegħid tal-individwu taħt sistema ta' regoli armonizzati, li permezz tagħha l-projbizzjoni ta' dħul, anki jekk immotivata minn raġuni li ma hijiex marbuta mal-migrazzjoni illegali, għandha tingħata skont il-prinċipji u r-rekwiżiti (proċedurali u sostantivi) tad-Direttiva 2008/115 innifisha.

76. Madankollu, tali interpretazzjoni ma hijiex mingħajr inkonvenjenzi. L-ewwel wieħed huwa l-kolliżjoni tagħha tal-Artikoli 2 u 11(1) tad-Direttiva 2008/115, li diġà rreferejt għalihom qabel. Dak li din id-direttiva tissuġġerixxi huwa li tintemm ir-residenza illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u mhux li jiġu solvuti fajls li fihom intervent tal-awtorità ma għadux neċessarju (ma jibqax neċessarju), preċiżament għaliex ir-residenza irregolari fit-territorju tiegħu tkun intemmet.

77. It-tieni, infakkar li d-Direttiva 2008/115 ma għandhiex bħala għan immedjat il-protezzjoni tal-ordni pubbliku, tas-sigurtà pubblika u tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri, anki jekk dawn l-interessi ma humiex injorati f'din id-direttiva[47]. Li wieħed jaċċetta li tapplika għall-projbizzjonijiet ta' dħul ibbażati fuq dawn ir-raġunijiet, iżda li ma humiex relatati ma' ordni ta' ritorn, iwassal sabiex l-għan li jistabbilixxi l-Artikolu 1 tiegħu jiġi assimilat mal-protezzjoni diretta ta' dawn l-interessi.

78. It-tielet, id-Direttiva 2008/115 ma għandhiex l-għan li tarmonizza kompletament ir-regoli interni dwar ir-residenza tal-barranin, iżda biss l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn (*rectius*: li jtemmu r-residenza illegali) u l-implimentazzjoni tagħhom[48]. L-interpretazzjoni li qiegħed nittratta issa tassumi, fir-rigward tal-Istati Membri, li l-projbizzjonijiet ta' dħul li huma jistabbilixxu għal raġunijiet oħra minbarra l-migrazzjoni, li ma humiex relatati mal-ordnijiet ta' ritorn, ma jkunux jistgħu:

– ikollhom karatteristiċi differenti (it-tul, l-ambitu suġġettiv) li d-Direttiva 2008/115 innifisha tistabbilixxi,

– jirrigwardaw ipoteżijiet differenti minn dawk previsti minn din id-direttiva,

kull darba li dawn il-projbizzjonijiet jkunu diretti kontra ċ-ċittadin ta' Stat terz li *kien, iżda ma għadux*, jirrisjedi fit-territorju illegalment.

[47] Fil-fatt, id-Direttiva 2008/115 tirrispettahom, kif jirriżulta, *inter alia*, mill-Artikolu 6(2), *in fine*, mill-Artikolu 7(4), jew mill-Artikolu 11(2). Madankollu, rigward tal-portata tagħha, ara s-sentenza tat-30 ta' Novembru 2009, Kadzoev (C-357/09 PPU, EU:C:2009:741, punti 70 u 71).

[48] Sentenza K.A. *et*, punt 44, u dawk li hija tiċċita.

79. Wieħed jista', *sa ċertu punt*, jegħleb l-ewwel wieħed mill-ostakoli, sa fejn, nirrepeti, id-Direttiva 2008/115 tinkorpora fil-formulazzjoni attwali tagħha riferimenti għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika u għas-sigurtà nazzjonali (Artikolu 11(2), *inter alia*), li jistgħu jaffettwaw it-tul tal-projbizzjoni u l-kamp suġġettiv tagħha [49].

80. Issa, fid-Direttiva 2008/115, dawn il-kunċetti huma awtonomi, bħal dawk kollha tad-dritt tal-Unjoni li l-leġiżlatur ma jħalliex lill-Istati Membri jagħtuhom id-definizzjoni tagħhom (u anki jekk id-Direttiva stess ma tagħtihomx definizzjoni). Huwa leġittimu li tiġi kkontestata l-korrispondenza tagħhom mal-kunċetti nazzjonali jew, tal-inqas, l-identità tagħha fir-rigward tal-mod kif għandhom joperaw, fid-dawl tad-differenza fil-kuntest: l-Unjoni min-naħa [50]; iċ-ċittadin mill-oħra.

81. Fir-rigward tat-tieni ostakolu, ninsisti fuq il-fatt li d-Direttiva 2008/115 tipprevedi biss projbizzjonijiet ta' dħul li jakkumpanjaw ordni ta' ritorn. Din ma tipprevedihomx għal meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, li jinsab fit-territorju tiegħu stess iżda b'mod illegali, ikollu awtorizzazzjoni ta' residenza f'xi Stat Membru [51] jew, abbażi ta' ftehim, fi Stat Membru differenti minn dak fejn huwa jkun maqbud fih [52].

82. Madankollu, Stat Membru jista' jibqa' interessat (jew anki jkun obbligat) li jipprojbixxi l-aċċess għat-territorju tiegħu ta' barrani li jitlaq "skont" ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115, jew indipendentement minn dak li jiddeċiedi fir-rigward ta' dan l-individwu kull Stat Membru ieħor, ladarba huwa jkun aċċettah. B'osservanza tal-kundizzjonijiet imfakkra mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-responsabbiltà għaż-żamma tal-ordni pubbliku fit-territorju tiegħu, u għas-salvagwardja tas-sigurtà interna u esterna, taqa' fuq kull Stat Membru [53].

### *5. F'dan il-każ*

83. Skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, M. D. telaq mit-territorju Ungeriż qabel ma ġiet imposta fuqu ordni ta' ritorn. Jekk dan huwa l-każ, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti jwassluni sabiex nikkonferma li d-Direttiva 2008/115 ma kinitx applikabbli għall-projbizzjoni ulterjuri ta' dħul fl-Ungerija meħuda kontrih.

84. Fl-eventwalità li M. D. kien jibbenefika minn permess ta' residenza fis-Slovakkja meta ġiet deċiża kontrih il-projbizzjoni ta' dħul fl-Ungerija, l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati Membri kellhom iwettqu l-konsultazzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 25(2) tal-KIFS sa mhux iktar tard minn wara d-dħul fis-SIS II ta' sinjalazzjoni abbażi ta' din il-projbizzjoni [54].

[49] Artikolu 11(2), *in fine* u t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 rispettivament.

[50] Fid-dritt tal-Unjoni, dawn il-kunċetti ma humiex neċessarjament l-istess fit-testi kollha li jagħmlu użu minnhom. In-nuqqas ta' identità jeżisti anke fost dak li huwa relatat mal-migrazzjoni, kif ifakkar il-Manwal dwar ir-Ritorn, taqsima 11.3, p. 59, jew, *inter alia*, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, E.P. (Theddida għall-ordni pubbliku) (C-380/18, EU:C:2019:1071), il-punti 31 *et seq*, b'rabta mal-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Pitruzzella (C-380/18, EU:C:2019:609).

[51] F'dan il-każ, irregolata mill-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115, projbizzjoni ta' dħul tal-Artikolu 11, maħsuba sabiex tagħti effett, *fl-Unjoni kollha*, għall-ordni ta' ritorn, ma tagħmilx sens.

[52] F'dan il-każ, irregolat mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2008/115, huwa t-tieni Stat li għandu jtemm ir-residenza illegali. Ara s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum (C-47/15, EU:C:2016:408, punti 84 u 86).

[53] Ara l-Artikolu 72 TFUE u, dwar il-portata tiegħu, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (L-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029).

[54] Ma hemm l-ebda ċertezza li dawn il-konsultazzjonijiet saru: l-informazzjoni pprovduta minn M. D. u mill-Gvern Ungeriż ma jaqblux dan il-punt, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

85. Sabiex tiġi evitata sitwazzjoni kontradittorja, jekk, wara konsultazzjonijiet, is-Slovakkja ma tirtirax formalment il-permess ta' residenza lil M. D., l-Ungerija għandha tipproċedi bit-tneħħija tas-sinjalazzjoni inkwantu mhux ammissibbli fis-SIS II. Hija tista', madankollu, iżżomm s-sinjalazzjoni fil-lista nazzjonali tagħha ta' persuni mhux ammissibbli.

## *C. Projbizzjoni ta' dħul u evalwazzjoni preċedenti tas-sitwazzjoni personali u familjari*

86. Id-dħul fit-territorju ta' Stat Membru jista' jiġi pprojbit, għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, liċ-ċittadin ta' pajjiż terz mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali u familjari tiegħu?

87. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun fin-negattiv, kemm jekk il-projbizzjoni tkun irregolata mid-Direttiva 2008/115 kif ukoll jekk, barra minnha, il-persuna kkonċernata tkun il-ġenitur ta' wild minuri li n-nazzjonalità tiegħu hija dik tal-Istat Membru li jordna l-projbizzjoni.

88. Bis-saħħa ta' prerogattiva klassika tas-sovranità tagħhom, l-Istati jistgħu jillimitaw il-moviment liberu tal-persuni li ma humiex ċittadini, billi jirrifjutawlhom id-dħul fit-territorju tagħhom jew billi jkeċċuhom minnu.

89. La t-trattati internazzjonali u lanqas id-dritt tal-Unjoni ma jikkontestaw dan il-prinċipju. Madankollu, huma jistgħu jattenwawh jew jaġġustawh f'ċerti sitwazzjonijiet, billi jimponu l-obbligu li tiġi evalwata s-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata jew ta' fatturi oħra rilevanti.

90. Ser niżviluppa din l-affermazzjoni, għal dak li jikkonċerna d-dritt tal-Unjoni, minn perspettiva doppja.

### *1. Fil-każ li tapplika d-Direttiva 2008/115*

91. Jekk il-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju ta' Stat Membru hija rregolata mid-Direttiva 2008/115, ir-risposta tirriżulta mingħajr dubju mill-Artikolu 5 tagħha: meta japplikaha, dan l-Istat Membru għandu jikkunsidra, b'mod obbligatorju, l-aħjar interessi tal-wild u tal-ħajja tal-familja.

92. F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2008/115 [55] tinkludi diversi premessi:

– L-erbgħa u għoxrin premessa tiddikjara, b'mod ġenerali, li d-direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipji stabbiliti, b'mod partikolari, fil-Karta.

– Is-sitt premessa tfakkar id-dmir tal-Istati Membri li jadottaw deċiżjonijiet individwali.

– It-tnejn u għoxrin premessa ttenni l-"aħjar interessi tat-tfal" u r-rispett għall-ħajja tal-familja bħala kunsiderazzjonijiet primordjali tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tad-Direttiva.

[55] Minn perspettiva sistematika iktar wiesgħa (li tinkludi wkoll l-Artikolu 24(1) tar-Regolament Nru 1987/2006), infakkar li huma biss is-sinjalazzjonijiet li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet meħuda abbażi tal-evalwazzjoni tal-każ inkwistjoni li għandhom aċċess għas-SIS II: *iktar 'il quddiem*, punt 112.

93. Dawn ir-rekwiżiti[56] jibqgħu jeżistu meta l-projbizzjoni ta' dħul takkumpanja, b'mod neċessarju, ordni ta' ritorn, skont l-Artikolu 11(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2008/115. Is-sitwazzjoni personali tal-persuna kkonċernata ser jibqa' jkollha rwol fid-determinazzjoni tat-tul tal-projbizzjoni[57].

94. F'każijiet bħal dawn, l-analiżi korrispondenti hija assorbita minn oħra: dik dwar l-ordni ta' ritorn stess, u ukoll, għas-sitwazzjoni tal-Artikolu 11(1)(a) tad-Direttiva 2008/115, li tintervjeni sabiex ma jingħatax terminu għat-tluq volontarju skont l-Artikolu 7(4) tagħha.

95. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tal-għan imfittex minnu, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv[58]. Fir-rigward, b'mod speċifiku, tal-aħjar interessi tat-tfal, infakkar li dawn għandhom jiġu rrispettati meta din id-direttiva tiġi applikata għalihom, inkluż meta tapplika għall-ġenitur tagħhom[59].

## *2. Fil-każ li ma tapplikax id-Direttiva 2008/115*

96. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, anki fl-oqsma rriżervati għall-kompetenza tagħhom, huma għandhom jeżerċitaw tali kompetenza mingħajr ma jiksru d-dritt tal-Unjoni[60].

97. B'mod partikolari, fir-rigward tar-residenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-miżuri meħuda minn dawn l-Istati Membri ma għandhomx iċaħħdu liċ-ċittadini Ewropej mit-tgawdija effettiva tad-drittijiet li din iċ-ċittadinanza tagħtihom[61].

98. Ir-rifjut ta' dritt ta' residenza liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jħassar l-effett utli taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Dan huwa l-każ meta bejn dak iċ-ċittadin u membru tal-familja tiegħu, ċittadin tal-Unjoni, ikun hemm relazzjoni ta' dipendenza tali li ċ-ċaħda lil tal-ewwel tar-residenza fi Stat Membru tobbliga lit-tieni li jakkumpanjah, u hekk li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kollha kemm hi[62].

[56] Minn dan ma tirriżultax, naturalment, l-impossibbiltà li tingħata ordni ta' ritorn jew projbizzjoni ta' dħul, iżda l-ħtieġa li jiġu bbilanċjati, abbażi tal-informazzjoni kollha li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, l-interessi preżenti qabel ma tittieħed deċiżjoni f'dan ir-rigward.

[57] Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115.

[58] Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2021, État belge (Ritorn ta' ġenitur ta' minuri) (C-112/20, EU:C:2021:197, punt 35), kif ukoll dawk li hija tiċċita.

[59] *Ibidem*, dispożittiv.

[60] Ma naħsibx li l-affermazzjoni teħtieġ ġustifikazzjoni ikbar. B'mod ġenerali, nirreferi għas-sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u l-Kunsill (C-156/21, EU:C:2022:97, punti 124 sa 126); u Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-157/21, EU:C:2022:98, punti 142 sa 144). Fir-rigward tal-Artikolu 72 TFUE, ara, *inter alia*, is-sentenzi tat-2 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, L-Ungerija u R-Repubblika Ċeka (Mekkaniżmu ta' rilokazzjoni temporanja għal applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-715/17, C-718/17 u C-719/17, EU:C:2020:257, punt 143); u tat-2 ta' Lulju 2020, Stadt Frankfurt am Main (C-18/19, EU:C:2020:511, punt 28).

[61] Fost ħafna oħrajn, is-sentenzi K.A. *et*; is-sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea) (C-836/18, EU:C:2020:119; iktar 'il quddiem, "Is-Sentenza tas-Subdelegazzjoni tal-Gvern fi Ciudad Real"); tal-5 ta' Mejju 2022, Subdelegación del Gobierno en Toledo (Séjour d'un membre de la famille - Ressources insuffisantes) (C-451/19 u C-532/19, EU:C:2022:354; iktar 'il quddiem, "Is-Sentenza tas-Subdelegazzjoni tal-Gvern f'Toledo"); u tas-7 ta' Settembru 2022, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nature du droit de séjour au titre de l'article 20 TFUE) (C-624/20, EU:C:2022:639, punt 51). Hija ġurisprudenza stabbilita li ma kienx neċessarju, għal din il-konsegwenza, li ċ-ċittadin tal-Unjoni eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu.

[62] Sentenzi K.A. *et*, punti 52; is-Subdelegazzjoni tal-Gvern fi Ciudad Real, punti 40 *et seq.*; u s-Subdelegazzjoni tal-Gvern f'Toledo, punt 48.

99. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali relazzjoni ta' dipendenza fir-rigward ta' ċittadin minuri [63] għandha titqies bħala kwistjoni ta' kustodja u jekk ir-responsabbiltà legali, finanzjarja jew affettiva ta' dan il-wild minuri tittieħed mill-ġenitur li huwa ċittadin ta' pajjiż terz [64].

100. Ladarba tiġi ddikkjarata r-rabta ta' dipendenza, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' eċċezzjonalment jitlob, skont l-Artikolu 20 TFUE, l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat (li minnu jgawdi ċ-ċittadin tal-Unjoni), li jirriżulta minn din id-dispożizzjoni.

101. Madankollu, infakkar li d-dritt ta' residenza dderivat ma huwiex assolut. L-Istati Membri jistgħu ma jirrikonoxxux dan f'ċerti ċirkustanzi, fosthom, b'mod partikolari, iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà pubblika [65].

102. Ir-raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali huma, *a fortiori*, adatti sabiex jirrestrinġu r-rikonoxximent tad-dritt ta' residenza dderivat li jirriżulta mill-Artikolu 20 TFUE. Sabiex dan ikun il-każ, dawn għandhom jikkorrispondu mal-kunsiderazzjonijiet li ġenwinament jaffettwaw dan il-kunċett, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja [66].

103. Madankollu, din il-possibbiltà ma hijiex mingħajr limitu, kif enfasizzat ukoll ripetutament il-Qorti tal-Ġustizzja [67]. F'dan il-kuntest, skont il-ġurisprudenza tagħha: [68]

– Il-kunċetti ta' "ordni pubbliku" u ta' "sigurtà pubblika", bħala ġustifikazzjoni ta' deroga mid-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni jew tal-membri tal-familji tagħhom, għandhom jiġu interpretati b'mod strett [69].

[63] Id-dipendenza tista' teżisti fir-rigward ta' ċittadini minorenni jew maġġorenni (Sentenza tas-Subdelegazzjoni tal-Gvern fi Ciudad Real). Xejn ma jindika li dan huwa l-każ f'dak li jirrigwarda s-sieħba ta' M. D., b'tali mod li jiena ma naqbilx mal-kwistjoni.

[64] Sentenza tas-Subdelegazzjoni tal-Gvern ta' Toledo, punt 65. Ara wkoll l-analiżi tal-K.A. *et*, punt 70 *et seq*.

[65] *Inter alia*, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín (C-165/14, EU:C:2016:675; iktar 'il quddiem, is-"sentenza Rendón Marín"); tat-13 ta' Settembru 2016, CS (C-304/14, EU:C:2016:674, punt 39); K.A. *et*, punti 92; is-Sundelegazzjoni tal-Gvern fi Ciudad Real, punti 43 sa 45; u s-Subdelegazzjoni tal-Gvern f'Toledo, punt 52.

[66] Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punti 135 u 136), li "l-Artikolu 4(2) TUE jistipula li s-sigurtà nazzjonali tibqa' fil-kompetenza esklużiva ta' kull Stat Membru." Din ir-responsabbiltà tikkorrispondi mal-interess primordjali ta' protezzjoni tal-funzjonijiet essenzjali tal-Istat u tal-interessi fundamentali tas-soċjetà u tinkludi l-prevenzjoni u r-ripressjoni ta' attivitajiet li jistgħu jiddestabilizzaw b'mod serju l-istrutturi kostituzzjonali, politiċi, ekonomiċi jew soċjali fundamentali ta' pajjiż, u b'mod partikolari li jheddu direttament is-soċjetà, il-popolazzjoni jew l-Istat bħala tali, bħal b'mod partikolari attivitajiet terroristiċi." Sussegwentement hija enfasizzat l-importanza tal-għan ta' protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali kif ukoll id-differenza, "min-natura tagħhom u mill-gravità partikolari tagħhoma", bejn it-theddid potenzjali fir-rigward tagħha u r-riskju ġenerali ta' tensjonijiet jew tfixkil, anki gravi, li jaffettwa s-*sigurtà pubblika*. Għaldaqstant, l-għan ta' salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali jista' jiġġustifika, bla ħsara għall-fatt li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet l-oħra previsti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, miżuri li jinvolvu ndħil fid-drittijiet fundamentali iktar gravi minn dawk li jistgħu jiġġustifikaw għanijiet oħra.

[67] Kollha kemm huma, is-Sentenza tas-Subdelegazzjoni tal-Gvern f'Toledo, punt 53. Sentenzi oħrajn huma iktar u iktar espliċiti peress li, fil-kuntest tal-Artikolu 20 TFUE, l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma tistax tinjora d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta; u li din id-dispożizzjoni għandha, jekk ikun il-każ, tinqara flimkien mal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-wild, irrikonoxxut fl-Artikolu 24(2) tal-Karta. Ara, pereżempju, is-Sentenzi Rendón Marín, punt 81; u K.A. *et*, punt 90.

[68] Jidhirli li huwa importanti li ninsisti fuq il-fatt li l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri huwa differenti f'oqsma oħra. F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 20 TFUE, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-loġika proprja għall-istatus ta' ċittadinanza hija meħtieġa, billi titneħħa dik fis-seħħ fil-qasam tal-immigrazzjoni (li, kif indikajt iktar 'il fuq, lanqas ma hija waħda). Espożizzjoni ta' dan il-fenomenu diġà saret f'konklużjonijiet oħra, bħal dawk tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Fahimian (C-544/15, EU:C:2016:908), jew l-iktar reċenti tal-Avukat Ġenerali Pikamäe fil-kawża Stadt Frankfurt am Main (C-18/19, EU:C:2020:130), kif ukoll fil-kawżi magħquda Minister van Buitenlandse Zaken (C-225/19 u C-226/19, EU:C:2020:679), li qiegħed nirreferi għalihom.

[69] Sentenzi Rendón Marín, punt 82; u K.A. *et*, punt 91. Anki jekk l-Istati Membri għadhom f'pożizzjoni aħjar biex jevalwaw it-theddid għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika fit-territorju tagħhom, l-ambitu ta' dawn il-kunċetti ma jaqax taħt il-kontroll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni: sentenza Rendón Marín, punt 81; u s-Subdelegazzjoni tal-Gvern f'Toledo, punti 78 *et seq*.

– It-theddida li jirrappreżenta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għall-ordni pubbliku għandha tkun reali, attwali u serja biżżejjed; sabiex jiġi kkonstatat li teżisti, ma huwiex biżżejjed li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu preċedenti kriminali fl-Istat Membru kkonċernat[70].

– Huwa l-Istat Membru li għandu jieħu inkunsiderazzjoni, fost l-oħrajn, "l-aġir personali tal-individwu kkonċernat, it-tul u n-natura legali tar-residenza tal-persuna kkonċernata fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, in-natura u l-gravità tar-reat imwettaq, il-livell ta' perikolu attwali tal-persuna kkonċernata għas-soċjetà, l-età tal-ulied eventwalment inkwistjoni u l-istat ta' saħħa tagħhom, kif ukoll is-sitwazzjoni familjari u ekonomika tagħhom[71]".

104. Fi tmiem l-eżami ta' dawn iċ-ċirkustanzi, jekk il-bilanċ ikun għadu jagħti prijorità lir-riskji għas-sigurtà pubblika jew, iktar u iktar, lis-sigurtà nazzjonali[72], ikkonfermata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru u, eventwalment, mill-qrati li jirrevedu d-deċiżjonijiet tagħhom, hija miftuħa l-possibbiltà li tiġi adottata projbizzjoni ta' dħul kontra ċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

*3. Fil-kawża preżenti*

105. Għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tikkorroborah, fid-dawl tal-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet u taċ-ċirkustanzi kollha, insostni li bejn M. D. u ibnu minuri, ċittadin Ungeriż, teżisti relazzjoni ta' dipendenza ta' natura li tippermetti lil dan tal-aħħar jinvoka d-dritt ta' residenza dderivat, skont l-Artikolu 20 TFUE.

106. Ma naqbilx, b'mod partikolari, mal-Gvern Ungeriż meta jsostni, sabiex jikkontesta l-eżistenza ta' tali relazzjoni ta' dipendenza, li omm il-minuri tgħix ukoll fl-Ungerija u hija obbligata tipprovdi għall-bżonnijiet tiegħu, bħala l-persuna li għandha l-*patria potestas*[73].

107. M. D. kellu permess ta' residenza fis-Slovakkja, li jidher li kien ġie rtirat. Għaldaqstant, wieħed jista' jaħseb li r-rifjut tar-residenza tiegħu fl-Ungerija jkollu bħala konsegwenza li l-wild minuri tiegħu jkollu jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu.

108. Madankollu, anki jekk M. D. seta' kellu dritt ta' residenza dderivat skont l-Artikolu 20 TFUE, ikun possibbli li jiġi pprojbit id-dħul u r-residenza fl-Ungerija għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, kif diġà argumentajt, jekk, wara l-analiżi taċ-ċirkustanzi li għadni kif irreferejt għalihom, obbligatorja skont id-dritt tal-Unjoni, ir-riżultat iwassal mingħajr ebda dubju sabiex tingħata prijorità lil dawn ir-raġunijiet.

[70] Wara s-sentenza Rendón Marín; K.A. *et*, punt 91, u t-tieni punt tad-dispożittiv, *in fine*.

[71] Sentenza K.A. *et*, punt 94 Is-Sentenza tas-Subdelegazzjoni tal-Gvern f'Toledo, punt 53, iżżid bħala elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni l-grad ta' severità tal-kundanni, u l-perijodu ta' żmien li għadda bejn id-data li fiha ngħataw u d-data li fiha l-awtorità tiddeċiedi.

[72] Li nqis li jseħħ, bi probabbiltà għolja, f'ħafna mill-każijiet, minħabba n-natura tal-interessi miġbura taħt il-kunċett ta' "sigurtà nazzjonali."

[73] Ara s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et* (C-133/15, EU:C:2017:354, punt 71); u s-Subdelegazzjoni tal-Gvern f'Toledo (punt 67).

109. Ma għandiex fil-pussess tiegħi l-informazzjoni rilevanti kollha għal tali analiżi, li għandha ssir mill-awtoritajiet Ungeriżi u l-qrati li jistħarrġu d-deċiżjonijiet tagħhom [74].

*D. Dħul ta' sinjalazzjoni fis-SIS II. Proporzjonalità*

110. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju huma limitati, għal dak li huwa rilevanti hawnhekk, għad-deċiżjoni tal-projbizzjoni ta' dħul u mhux għas-sinjalazzjoni ulterjuri tagħha fis-SIS II.

111. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li, minkejja dan is-silenzju tal-qorti tar-rinviju, jista' jkun utli li tingħatalha xi indikazzjoni dwar il-projbizzjoni ta' dħul fis-SIS II, jiena ser nippreżenta l-opinjoni tiegħi f'dan ir-rigward.

112. L-għarfien tal-projbizzjoni ta' dħul mill-Istati Membri l-oħra huwa neċessarju sabiex din ikollha effett prattiku [75]. Sabiex l-Istati Membri jingħataw aċċess għall-informazzjoni dwar il-projbizzjonijiet stabbiliti minn Stati Membri oħra permezz tad-deċiżjonijiet ta' ritorn, dawn tal-aħħar *jistgħu* jiġu riflessi fis-SIS II [76] skont ir-Regolament Nru 1987/2006 [77], bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfatti wkoll żewġ kundizzjonijiet:

– Id-deċiżjoni li minnha tirriżulta s-sinjalazzjoni ttieħdet mill-awtorità kompetenti (amministrattiva jew ġudizzjarja) fl-osservanza tal-proċeduri previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, wara evalwazzjoni tal-każ inkwistjoni [78].

– L-Istat Membru li joħroġ sinjalazzjoni kkonkluda li l-każ kien "adegwat, rilevanti u importanti biżżejjed li jistħoqqlu dħul ta' l-alert fis-SIS II [79]."

[74] Għalkemm f'ambitu li ma jikkoinċidix, iżda huwa qrib, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement iddeċidiet (is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2022, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság *et*, C-159/21, EU:C.2022:708) bi tweġiba għal deċiżjoni preliminari oħra tal-Fővárosi Törvényszék (Qorti tal-Belt ta' Budapest), dwar l-evalwazzjonijiet, suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, meta jkunu ppreċeduti minn deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti fi kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali: id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni analizzati f'dik is-sentenza "[…] jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-awtorità determinanti hija sistematikament obbligata, meta korpi responsabbli minn funzjonijiet marbuta mas-sigurtà nazzjonali, ikunu kkonstataw, permezz ta' opinjoni mhux motivata, li persuna tikkostitwixxi theddida għal din is-sigurtà, li teskludi li tagħti l-benefiċċju tal-protezzjoni sussidjarja lil din il-persuna jew li tirtira protezzjoni internazzjonali mogħtija minn qabel lill-imsemmija persuna, billi tibbaża ruħha fuq din l-opinjoni."

[75] Is-SIS II huwa maħsub sabiex jagħti tali għarfien lill-Istati li huma konnessi mas-sistema. Id-Direttiva 2008/115 ma tirregolax id-dħul ta' sinjalazzjonijiet fih.

[76] In-natura fakultattiva tal-introduzzjoni tirriżulta mill-verb użat fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament Nru 1987/2006, fil-każijiet li jirreferi għalihom huwa stess. Dan huwa kkorroborat mill-ħamsa u għoxrin premessa tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/432 tas-7 ta' Marzu 2017 dwar ir-ritorni aktar effettivi fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2017, L 66, p. 15), kif ukoll il-punt 24(c) tagħha. L-introduzzjoni saret obbligatorja skont l-Artikolu 24(1)(b) tar-Regolament 2018/1861.

[77] L-interpretazzjoni normali tal-Artikolu 24(3) tar-Regolament Nru 1987/2006 issostni l-korrispondenza tagħha mad-Direttiva 2008/115, minkejja l-inkoerenzi li għandhom jiġu evalwati bejn it-testi, imsemmija mid-duttrina u wkoll mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tas-SIS II, dwar in-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-kriterji għad-dħul tas-sinjalazzjoni. Ara r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Evalwazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) skont l-Artikolu 24(5), l-Artikolu 43(3) u l-Artikolu 50(5) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 59(3) u l-Artikolu 66(5) tad-Deċiżjoni Nru 2007/533/JAI (COM (2016) 880 final), punt 4.4.2. Ara wkoll id-dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni Ewropea li jakkumpanjah (SWD (2016) 450 final), punt 7.3.

[78] L-Artikolu 24(1) tar-Regolament Nru 1987/2006.

[79] Ta' natura imperattiva jew ta' proporzjonalità: l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1987/2006.

113. Bla ħsara għall-istess kundizzjonijiet, id-dħul ta' sinjalazzjoni fis-SIS II għall-finijiet ta' rifjut ta' dħul u ta' residenza hija madankollu obbligatorja "meta d-deċiżjoni […] tkun ibbażata fuq theddida għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali li tista' tiġi mill-preżenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz in kwistjoni fit-territorju ta' Stat Membru" (Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 1987/2006) [80].

114. Id-dħul huwa għalhekk, fi kwalunkwe każ, suġġett għar-rekwiżit ta' proporzjonalità tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1987/2006. Anki jekk ir-Regolament ma jsemmix dan, l-utilità tal-evalwazzjoni teħtieġ li ssir qabel id-dħul tas-sinjalazzjoni inkwistjoni [81].

115. Din il-kundizzjoni hija ġġustifikata minħabba li d-dħul tas-sinjalazzjoni dwar ir-rifjut ta' dħul hija ta' natura li taffettwa drittijiet, anki fundamentali [82], tal-persuni. Hija evidentement għandha konsegwenzi fuq l-aċċess għaż-żona Schengen [83] u, marbuta magħhom, tal-inqas potenzjalment, fuq drittijiet oħra, bħal dak tar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

116. Madankollu, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità għad-dħul ta' sinjalazzjoni fis-SIS II meta tkun obbligatorja (skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 1987/2006) għandha tiġi kkwalifikata. Jista' jiġi sostnut li, f'tali ipoteżi, il-leġiżlatur tal-Unjoni nnifsu wettaq *ex ante* l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità għall-aġir gravi previst minn din id-dispożizzjoni.

117. Inżid li, fi kwalunkwe każ, l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità imposta mill-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1987/2006 hija limitata għad-dħul ta' sinjalazzjoni: ma tikkonċernax ir-riżoluzzjoni (il-projbizzjoni) li abbażi tagħha nħarġet din tal-aħħar [84].

118. Riżultat negattiv tal-analiżi ta' proporzjonalità jista', fl-aħħar mill-aħħar, iwassal sabiex jiġi eskluż id-dħul tas-sinjalazzjoni fis-SIS II għall-finijiet tar-rifjut ta' dħul.

119. F'dan il-każ, id-deċiżjoni li fuqha huwa bbażat is-sinjalazzjoni tibqa', minkejja kollox, fis-seħħ. Fil-każ ta' projbizzjoni ta' dħul fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz minħabba li jippreżenta theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà interna, għas-sigurtà nazzjonali, għas-saħħa pubblika jew għar-relazzjonijiet internazzjonali, il-vokazzjoni "panewropea" tagħha tibqa' l-istess, anki jekk l-assenza ta' reġistrazzjoni tirrendi iktar diffiċli l-għarfien tagħha mill-Istati l-oħra taż-żona Schengen.

80 iktar 'il fuq, nota ta' qiegħ il-paġna 40.

81 Ma naqbilx mal-pożizzjoni difiża tal-Gvern Ungeriż waqt is-seduta, li l-attenzjoni ta' dawn il-fatturi, f'ċirkustanzi bħal dawk f'dan il-każ, tista' tiġi żgurata biss permezz tal-istħarriġ ġudizzjarju wara d-dħul. L-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2018/1861 jinkludi tali preċiżazzjoni *ratione temporis*.

82 Hija tinkludi, b'mod partikolari, l-ipproċessar ta' data personali. Il-garanzija tad-dritt għall-protezzjoni ta' dan il-persunal hija preokkupazzjoni primarju fl-istrumenti kollha li jirregolaw is-SIS II, li jistabbilixxu f'dan ir-rigward dispożizzjonijiet speċifiċi.

83 Hekk kif previsti fl-Artikolu 14(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Fir-realtà, dawn il-konsegwenzi jirriżultaw mid-deċiżjoni li fuqha hija bbażata s-sinjalazzjoni fis-SIS II minflok mid-dħul ta' tali sinjalazzjoni f'din is-sistema: ara s-sentenza tas-16 ta' Jannar 2018, E (C-240/17, EU:C:2018:8, punt 43). Ir-rwol tas-SIS II huwa strumentali: dan iservi bħala informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar deċiżjonijiet li huma fl-interess ta' kulħadd. Madankollu ma jistax jiġi miċħud li l-introduzzjoni tiffaċilita (u ssaħħaħ) id-dħul fis-seħħ tal-effetti ta' tali deċiżjonijiet.

84 Il-kwistjoni hija għalhekk dwar sa fejn sinjalazzjoni ta' tali persuna fis-SIS II jaffettwa d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz; mhux, għall-kuntrarju, b'liema mod dawn id-drittijiet huma affettwati mill-projbizzjoni ta' dħul u ta' residenza li tagħti l-bażi tiegħu. Madankollu, jiena konxju mill-fatt li, fid-dawl tal-effett li s-SIS II għandu fuq il-projbizzjonijiet, huwa faċli li wieħed jgħaddi minn sfera għal oħra involontarjament.

## V. Konklużjoni

120. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li tingħata risposta għall-ewwel u t-tieni domanda tal-Fġvárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) kif ġej:

"Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, għandha tiġi interpretata fis-sens li:

Hija ma tapplikax meta l-awtoritajiet ta' Stat Membru jimponu projbizzjoni ta' dħul u ta' residenza kontra wieħed minn dawn iċ-ċittadini li ma jinsabx fit-territorju tagħhom u li ma jkunux ħadu deċiżjoni ta' ritorn, billi jqisu li dan jista' jippreżenta theddida għas-sigurtà nazzjonali. F'dan l-istess sens, lanqas il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma hija applikabbli.

L-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, qabel l-adozzjoni tal-imsemmija projbizzjoni ta' dħul u ta' residenza, l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jibbilanċjaw iċ-ċirkustanzi personali u familjari tal-persuna li d-dħul u r-residenza tagħha huma pprojbiti, meta jkun il-ġenitur ta' minuri li għandu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru, kif ukoll l-effett tal-projbizzjoni fuq il-benefiċċju tad-drittijiet inerenti, jew li jirriżultaw, miċ-ċittadinanza Ewropea".